

- 2) *Front populaire pour la libération de la Saguia-el-Ħamra et du Rio de oro (Front Polisario)* għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 184, 6.6.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Lulju 2018 – Apple Distribution International vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-101/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna intiża mill-Ġermanja sabiex issostni l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Nuqqas ta' inċidenza individwali — Inammissibilità”)

(2018/C 381/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Apple Distribution International (Cork, l-Irlanda) (rappreżentanti: S. Schwidessen, H. Lutz, N. Niejahr u A. Patsa, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Samnadda, G. Braun u B. Stromsky, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2042 tal-1 ta' Settembru 2016 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.38418 — 2014/C (ex 2014/N) li l-Ġermanja qed tippjana li timplimenta għall-finanzjament tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-films (ĠU 2016, L 314, p. 63).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent ippreżentati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mir-Repubblika Franċiża u mill-Filmförderungsanstalt.
- 3) Apple Distribution International hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha stess, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea minbarra dawk marbuta mat-talbiet għal intervent.
- 4) Apple Distribution International, il-Kummissjoni, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża u l-Filmförderungsanstalt għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talbiet għal intervent.

⁽¹⁾ ĠU C 121, 18.4.2017.